MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2509/2002

**Avviz Numru 2509/02 AJD**
**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Victor Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm478.00) rappresentanti import ta’ ghaxar kambjali li d-data tal-maturita’ taghhom skadiet, kif ukoll imghax legali kalkolat sad-data tal-prezentata tal-Avviz.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm478.00), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**